# Aktar dwar il-kontribuzzjoni tas-sigurtà

ĦMISTAX ilu kont tkellimt f'ċertu dettall dwar il-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali u l-importanza tagħha fl-akkwist ta' numru ta' benefiċċji kontributorji, fosthom il-pensjonijiet. Illum se nissokta nitkellem dwar dan is-suġġett fejn se nitkellem dwar kif u lil min jistgħu jingħataw kontribuzzjonijiet akkreditati u anke nitkellem dwar il-kundizzjonijiet u t-test tal-kontribuzzjonijiet.

## Kontribuzzjonijiet akkreditati

L-Att dwar is-Sigurtà Soċjali jipprovdi għal diversi sitwazzjonijiet fejn meta minħabba xi kontinġenza partikolari, individwu ma jkunx jista' jħallas il-kontribuzzjoni, l-obbligu li din titħallas jitneħħa u minflok jingħataw kontribuzzjonijiet akkreditati. Permezz ta' dawn il-kontribuzzjonijiet akkreditati, il-persuna ma jkollhiex perjodi ta' kontribuzzjonijiet neqsin sempliċiment minħabba li ma tkunx qiegħda taħdem bħala riżultat ta' xi kontinġenza partikolari f'ħajjitha.

Infakkar f'dak li ktibt ħmistax ilu. Eżenzjoni mill-ħlas tal-kontribuzzjoni u kontribuzzjoni akkreditatà huma żewġ affarijiet totalment differenti. F'perjodu li fih persuna tkun eżentata mill-ħlas tal-kontribuzzjoni, l-ebda kontribuzzjoni ma titħallas jew tkun akkreditata u allura dan il-perjodu ikun nieqes mill-kontribuzzjonijiet. F'perjodu li fih persuna tkun intitolata li tirċievi kontribuzzjonijiet akkreditati, dawn jitqiesu qishom imħallsin, speċjalment għal skop ta' pensjoni.

Il-kontinġenzi jew sitwazzjonijiet li ġejjin normalment jagħtu d-dritt għal kontribuzzjonijiet akkreditati:

Persuna li tkun assigurata għall-ewwel darba taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali tista' tingħata sa massimu ta' 104 kontribuzzjoni (sentejn) – dan in-numru ivarja skont id-data ta' meta l-persuna tkun assigurata imma ma jkunx lanqas minn 52 (sena);

Armla wkoll tista' tingħata kontribuzzjonijiet akkreditati sakemm ma tkunx qiegħda taħdem;

Membru tal-Korp tal-Pulizija, jew tal-Forzi Armati, jew tal-Faċilitajiet Korrettivi li jirtira mis-servizz b'pensjoni sħiħa tas-servizz jingħata kontribuzzjonijiet akkreditati għall-perjodi li fihom ma jkunx qed jaħdem wara li jkun irtira mis-servizz;

Persuna li tkun qiegħda tirreġistra għax-xogħol taħt l-Ewwel Parti tar-reġistru tal-qgħad tal-ETC u li immedjatament qabel tibda tirreġistra għax-xogħol tkun f'impjieg jew timpjega lilha nnifisha, ukoll tista' tingħata kontribuzzjonijiet akkreditati;

Persuna li tmur barra minn Malta biex tagħmel xogħol ta' volontarjat, liema xogħol ikun rikonoxxut minn qabel għall-fini tal-liġi mill-Ministru responsabbli mis-Sigurtà Soċjali, tista' tingħata sa massimu ta' 260 (ħames snin) kontribuzzjonijiet akkreditati f'kull perjodu ta' għaxar snin.

Minn barra hekk, persuna li jkollha dritt għall-benefiċċju kontributorju tal-mard, jew tal-korriment fuq ix-xogħol jew tal-qagħad, jew ikollha dritt għal Pensjoni għal invalidità, tingħata kontribuzzjoni akkreditata għal kull ġimgħa li l-persuna tkun qiegħda tirċievi xi wieħed jew aktar minn dawn il-benefiċċji għall-perjodi differenti. Fil-każ tal-benefiċċji imsemmija tal-mard, tal-korriment fuq ix-xogħol jew tal-qagħad, il-kontribuzzjonijiet akkreditati jibqgħu jingħataw anke jekk il-ħlas tal-benefiċċju ikun eżawrit sakemm il-persuna tkun meqjusa li għadha fl-istess kontinġenza li konsegwenza tagħha kienet qiegħda tirċievi xi wieħed mill-benefiċċji imsemmijin.

## Pensjoni tal-wens

Ftit tal-ġimgħat ilu kont semmejt li permezz tar-riforma tal-pensjonijiet, iddaħħal ukoll kunċett ġdid li jikkumpensa lill-ġenituri li jieqfu mix-xogħol biex irabbu lil uliedhom, inkluż ulied adottati. Permezz ta' din il-miżura, ġenituri li twieldu fl-1962 jew wara u li jkunu waqfu mix-xogħol biex jieħdu ħsieb lit-tfal tagħhom jistgħu jingħataw sa massimu ta' 104 (sentejn) kontribuzzjonijiet akkreditati, għal kull tifel u tifla, li jgħoddu biss għal skop ta' pensjoni.



Ġenituri li jkunu waqfu mix-xogħol biex jieħdu ħsieb lil uliedhom u li jkunu twieldu fl-1962 jew wara jistgħu jingħataw sa massimu ta' 104 (sentejn) kontribuzzjonijiet akkreditati, għal kull tifel u tifla

Fil-każ ta' tifel jew tifla b'diżabilità jistgħu jingħataw sa massimu ta' 208 (4 snin) kontribuzzjonijiet akkreditati. Dawn jingħataw għall-perjodi ta' waqfien mix-xogħol meta t-tifel jew tifla ikunu taħt is-sitt snin (jew għaxar snin fil-każ ta' tifel jew tifla b'diżabilità) u jekk kemm-il darba il-ġenituri jerġgħu jaħdmu għal mill-anqas il-perjodu ta' kontribuzzjonijiet akkreditati li jistgħu jingħataw.

Biex nagħtu eżempju, ejjew nassumu li ġenitur imwieled fl-1962 jew wara, waqaf mix-xogħol meta kellu l-ewwel wild u ngħidu aħna sentejn wara kellu t-tieni wild. Meta dan ta' l-aħħar kellu tliet snin, il-ġenitur irritorna għax-xogħol. Minħabba li l-perjodi tal-waqfien mix-xogħol kienu qabel iż-żewġt itfal tiegħu (separatament) għalqu sitt snin dan il-ġenitur jista' jingħata sa massimu ta' 208 (4 snin) kontribuzzjonijiet akkreditati (għal skop ta' pensjoni jgħoddu daqs kontribuzzjonijiet imħallsin) jekk kemm-il darba jerġa' jaħdem għal mill-inqas erba' snin. Fil-każ li dan il-ġenitur jerġa jaħdem iżda għal anqas minn erba' snin, jieħu ammont ta' kontribuzzjonijiet akkreditati ugwali għalkemm ikun ħallas minn meta jkun irritorna għax-xogħol. Il-kontribuzzjonijiet akkreditati jistgħu jinqasmu bejn il-ġenituri skont il-perjodi ta' żmien li jkunu waqfu mix-xogħol separatament.

Persuna li tkun qiegħda tirċievi l-Pensjoni tal-Wens u li kienet qiegħda taħdem qabel bdiet tieħu din il-pensjoni u li ħallset mill-anqas 156 kontribuzzjoni u li jkollha mill-inqas medja ta' 20 kontribuzzjoni fis-sena minn meta tkun għalqet 18-il sena sas-sena ta' qabel tibda tirċievi l-Pensjoni tal-Wens, tingħata wkoll kontribuzzjonijiet akkreditati.

## Il-kundizzjonijiet kontributorji

Kif għedt qabel, id-dritt għal kull benefiċċju kontributorju, kif jindika l-isem, hu marbut ma' kundizzjonijiet li kollha jirrikjedu li jrid ikun tħallas (f'xi każi jista' anke jkun akkreditat għalkemm mhux kollu) ċertu ammont ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali. Dawn il-kundizzjonijiet huma apparti kundizzjonijiet oħrajn statutorji li jista' jkun hemm marbutin mad-dritt għal benefiċċju kontributorju. Biex nagħti eżempju, biex persuna jkollha dritt għal Pensjoni taż-Żewġ Terzi, minbarra li jkollha biżżejjed kontribuzzjonijiet imħallsin jew akkreditati, trid tissodisfa wkoll numru ta' kundizzjonijiet statutorji, fosthom, u l-aktar importanti, li trid tkun ħallset imqar kontribuzzjoni waħda wara l-21 ta' Jannar, 1979, u li trid tkun ħadmet mill-anqas għaxar snin matul ħajjitha. Dawn il-kundizzjonijiet huma importanti daqs jekk mhux aktar minn dawk kontributorji għax jekk persuna ma tissodisfax imqar waħda minnhom, ma jkollhiex dritt għall-pensjoni imsemmija u t-test tal-kontribuzzjonijiet lanqas ssir, hi kemm hi l-medja tal-kontribuzzjonijiet.

Imma biex niġi lura għall-kundizzjonijiet kontributorji, dawn jikkonċernaw id-dritt għal numru ta' pensjonijiet u benefiċċji kontributorji. Għal min jinteressah ikun jaf aktar dwarhom, ħafna minn dawn il-kundizzjonijiet (li jikkonċernaw il-Benefiċċju għall-Mard, il-Benefiċċju għal Disimpieg, il-Benefiċċju Speċjali għal Disimpieg, il-Pensjoni ta' Armla, il-Pensjoni għal min Jirtira, il-Pensjoni Miżjuda għal min Jirtira, il-Pensjoni Minima Nazzjonali, il-Pensjoni Minima Nazzjonali Miżjuda, il-Pensjoni ta' Invalidità, il-Pensjoni Miżjuda għal Invalidità u l-Pensjoni Minima Nazzjonali qabel l-età tal-pensjoni f'każ ta' invalidità) jista' jsibhom fil-11-il Skeda tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali. Dawk li jikkonċernaw l-għoti tal-Pensjoni taż-Żewġ Terzi u l-Pensjoni tas-Superstiti, wieħed jista' jsibhom fil-korp tal-Att propju taħt it-Taqsimiet IV u V.

Sadanittant tajjeb li ngħid li għalkemm il-Benefiċċju għall-Korriment, l-Għotja għall-Korriment u l-Pensjoni għall-Korriment (kollha fuq ix-xogħol) huma meqjusin bħala benefiċċji kontributorji, fir-realtà m'hemm l-ebda kundizzjonijiet kontributorji li jirregolaw id-dritt għalihom. Ir-raġuni għal din l-eċċezzjoni hi li la l-korriment sar fuq ix-xogħol u x-xogħol hu wieħed legali, hemm obbligu legali li titħallas il-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali u għalhekk dan id-dritt jingħata awtomatikament kemm-il darba ikun ivverifikat u stabbilit li l-korriment verament sar fuq il-post tax-xogħol u li ma kien hemm l-ebda negliġenza mill-impjegat.

Tajjeb li ngħid li jekk tali korriment jiġri fl-ewwel jum tal-ewwel impjieg ta' persuna u allura effettivament għadha ma tħallset l-ebda kontribuzzjoni, dawn il-benefiċċji xorta jingħataw kif spjegat. F'dan il-kuntest hu interessanti l-fatt li jekk persuna tmut fuq il-post tax-xogħol b'diżgrazzja, l-armla jew l-armel tal-persuna jkollhom dritt għal Pensjoni tar-Romol sħiħa, irrispettivament mill-medja ta' kontribuzzjonijiet li l-konjugi l-mejjet ikun laħaq ħallas. Barra minn hekk, jekk persuna tkorri fuq ix-xogħol u ssofri grad ta' diżabilità permanenti ta' aktar minn 89%, din tingħata l-Pensjoni għall-Invalidità sħiħa, irrispettivament mill-medja ta' kontribuzzjonijiet li tkun laħqet ħallset.



**MARK MUSÙ**
Direttur għall-Iżvilupp Strateġiku u Relazzjonijiet Internazzjonali – Diviżjoni tas-Sigurtà Soċjali

## It-test tal-kontribuzzjonijiet

X'inhu t-test tal-kontribuzzjonijiet? It-test tal-kontribuzzjonijiet hu l-mekkaniżmu li jintuża biex tkun ikkalkolata l-medja ta' kontribuzzjonijiet imħallsin u/jew akkreditati biex ikun stabbilit jekk il-medja imsemmija hix daqs jew aktar mill-minimu meħtieġ biex wieħed jikseb id-dritt li jirċievi benefiċċju partikolari. Fil-prinċipju, il-medja hi kkalkulata billi jingħaddu l-kontribuzzjonijiet imħallsin u/jew akkreditati u t-total jiġi diviż bin-numru tas-snin.

Għal pensjonijiet kontributorji hemm żewġ testijiet li jridu jkunu sodisfatti. L-ewwel test hu li jridu jkunu tħallsu mill-anqas 156 kontribuzzjoni (tliet snin). Fil-każ tal-Pensjoni għall-invalidità, jridu tkunu tħallsu mill-anqas 250 kontribuzzjoni (kwazi ħames snin). It-tieni test hu l-medja ta' kontribuzzjonijiet imħallsin jew akkreditati. Il-medja minima li wieħed irid jissodisfa biex ikollu dritt għall-pensjoni kontributorja hi ta' 20 kontribuzzjonijiet imħallsin jew akkreditata fis-sena. Fil-każ tal-Pensjoni taż-Żewġ Terzi jew il-Pensjoni tas-Superstiti, il-medja minima hi ta' 15-il kontribuzzjoni imħallsin jew akkreditata fis-sena. Fil-każ tal-Benefiċċju għall-Mard, il-Benefiċċju għal diżimpjieg, u l-Benefiċċju Speċjali għal diżimpjieg l-ewwel test jirrikjedi li jridu jkunu tħallsu mill-inqas 50 kontribuzzjoni waqt li t-tieni test jirrikjedi li jridu jkunu tħallsu jew akkreditati medja ta' mhux inqas minn 20 kontribuzzjoni fl-aħħar sentejn sħaħ kontributorji mis-sena ta' qabel issir it-talba.

Fil-ġimgħat li ġejjin se nkun qed nidħol f'aktar dettall kemm dwar il-kundizzjonijiet kontributorji kif ukoll dwar it-test tal-kontribuzzjonijiet meta nkun qed nitratta l-pensjonijiet u l-benefiċċji wieħed wieħed.

# soċjali

■ Issa ngħaddi għall-mistoqsijiet li rċevejt mingħandkom il-qarrejja. R. Delia bagħtitilna imejl u saqsietna din il-mistoqija: "Tista' tispjega x'ikun intitolat għalih wieħed li jirtira bl-età meta jingħataw żidiet fil-pagi permezz ta' xi ri-organizzazzjoni lil nies fl-istess grad li kellu hu bħal fil-każ tal-ħaddiema taċ-ċivil?"

Nirringrazzja lis-Sinjura Delia għall-mistoqsija tagħha. Nibda billi ngħid li l-pensjonijiet tas-sigurtà soċjali jiġu riveduti kull sena b'seħħ mill-ewwel Sibt ta' Jannar, skont kif inhu stabbilit fil-liġi. B'mod ġenerali l-pensjoni dovuta tibqa' marbuta mal-paga/salarju kurrenti jew dħul pensjonabbli tal-post jew grad li fuqu tkun inħadmet il-pensjoni. Dan japplika l-aktar għal Pensjonijiet taż-Żewġ Terzi u tal-Irtirar, u għall-Pensjoni tar-Romol. Fil-każ ta' dawk li kienu jaħdmu għal rashom, ir-reviżjoni ssir skont iż-żidiet fil-paga mogħtija ġeneralment bil-liġi għall-ogħli tal-ħajja.

Biex niġi għall-mistoqsija tal-qarrejja tagħna, meta tingħata żieda fil-paga jew salarju apparti dik għall-ogħli tal-ħajja f'xi organizzazzjoni, ngħidu aħna lill-ħaddiema tal-Gvern, issir stima mill-ġdid tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali bbażata fuq il-paga jew salarju kurrenti li jkun qed jitħallas xi ħadd li llum qed jokkupa l-istess grad u qiegħed jagħmel l-istess xogħol li kien jagħmel il-pensjonant.

Dan ifisser li jekk tingħata żieda akbar miż-żieda għall-ogħli tal-ħajja, eżempju permezz ta' xi ftehim kollettiv, dan minnu nnifsu jista' jwassal ukoll għal żieda fil-pensjoni tas-sigurtà soċjali, apparti ż-żieda mogħtija għall-ogħli tal-ħajja. Fit-teorija, pensjonant għandu dritt għal żewġ terzi taż-żidiet li jingħataw fis-salarju kurrenti li jkun qed jitħallas xi ħadd li llum qiegħed jokkupa l-istess grad u qed jagħmel l-istess xogħol li kien jagħmel il-pensjonant.

Iżda mhux dejjem tista' tirriżulta żieda fil-pensjoni tas-sigurtà soċjali. F'każi fejn il-pensjonant ikun diġà qed jirċievi l-ogħla pensjoni li jista' jircievi, il-pensjoni tiegħu ma tistax tiżdied b'aktar miż-żieda għall-ogħli tal-ħajja. Anke f'każi fejn il-pensjonant ikollu kontribuzzjonijiet neqsin u m'għandux il-medja massima ta' kontribuzzjonijiet (50 kull sena), dan ukoll jista' ma jieħux żieda fil-pensjoni akbar miż-żieda għall-ogħli tal-ħajja.

Minn barra hekk, dan huwa relevanti ħafna fil-kuntest tal-mistqosija tal-qarrejja tagħna fejn għamlet referenza għall-ħaddiema tal-Gvern, jekk il-pensjonant ikun qed jirċievi pensjoni tas-servizz, dan ukoll jista' jwassal biex il-pensjoni tas-sigurtà soċjali ma tiżdiedx b'aktar miż-żieda għall-ogħli tal-ħajja minkejja żidiet fil-pagi li jistgħu jingħataw permezz ta' ftehim kollettiv. Dan minħabba li fil-prinċipju l-valur oriġinali tal-pensjoni tas-servizz (imnaqqas b'€666) irid jitnaqqas mill-ammont tal-pensjoni taż-żewġ terzi.

F'dan il-każ jekk is-somma taż-żewġ pensjonijiet teċċedi ż-żewġ terzi tad-dħul pensjonabbli rivedut skont is-salarju kurrenti, ukoll ma tingħatax żieda akbar miż-żieda għall-ogħli tal-ħajja.

## Ringrazzjament

Nagħlaq il-paġna tal-lum billi minn qalbi nirringrazzja lil ħafna qarrejja ta' din il-paġna li għaddewli kummenti verament pożittivi.

Jidher ċar li qed jintlaħaq l-għan tiegħi, li kemm bl-informazzjoni li qed inwassal permezz ta' din il-paġna kif ukoll bis-saħħa tat-tweġibiet għall-mistoqsijiet tagħkom, nitfa' aktar dawl u nżid l-għarfien taċ-ċittadini Maltin u Għawdxin fuq is-sistema tas-sigurtà soċjali f'pajjiżna. Ta' dan grazzi lilkom u lill-ġurnal **l-orizzont** li tani din l-opportunità.

L-informazzjoni li qiegħda tingħata f'din ir-rubrika mhix intenzjonata li titqies bħala parir legali dwar xi drittijiet għal kwalunke benefiċċju soċjali jew materja oħra ta' sigurtà soċjali. L-għan ta' din ir-rubrika hu purament u unikament biex tingħata informazzjoni ġenerali dwar is-sistema tas-sigurtà soċjali f'Malta.

Għal aktar tagħrif tista' żżur il-websajt tagħna www.msp.gov.mt, tibgħat imejl fuq social.security@gov.mt, jew tista' tmur f'wieħed mill-uffiċċji distrettwali tagħna f'Malta u Għawdex jew inkella iċċempel fuq in-numru 159.

*Staqsi lis-Sur Mark Musù billi tikteb lil:*

***Paġna Sigurtà Soċjali, l-orizzont,***
***A41 Qasam Industrijali, Marsa, MRS3000***

*inkella b'imejl bis-suġġett "Paġna Sigurtà Soċjali" fl-indirizz **ittri@unionprint.com.mt.** Il-mistoqsijiet iridu jkunu ta' interess ġenerali, mhux każi privati jew personali.*